# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum*

# 2007

# STUDJI SOĊJALI

**A. Agħmel sing taħt il-kelma / il-frażi t-tajba.**

1. *Leader* tajjeb jaf (dejjem iċedi mill-ewwel, imexxi l-grupp, jiġġieled ma' ta' madwaru)**.**
2. Biex tibni relazzjoni tajba mal-grupp trid (tordna lil kulħadd x'għandu jagħmel, titgħallem taċċetta l-opinjoni tal-membri tal-grupp, dejjem tgħaddi tiegħek).
3. L-individwi fis-soċjetà għandhom (aktar minn rwol wieħed, rwol wieħed biss, ma jkollhom l-ebda rwol).
4. Kull ċittadin li jagħlaq (sittax-il sena, sbatax-il sena, tmintax-il sena) għandu dritt li jivvota f'elezzjoni ġenerali.
5. Meta l-elezzjonijiet ġenerali jsiru kull ħames snin iċ-ċittadini Maltin ikunu qed jagħżlu (l-President, l-Parlament Malti, l-Kunsill Lokali).
6. F'pajjiż demokratiku l-poplu (jivvota għad-deputati, ma jivvotax, ma jistax jagħti l-opinjoni tiegħu).

**(6 marki)**

**B. Qabbel il-lista A mal-lista B billi tikteb in-numru fil-kolonna tan-nofs. L-ewwel waħda hi maħduma bħala eżempju.**

| | Lista A | | Lista B |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Kunsill lokali** | | Tempji ta' l-Imnajdra |
| 2. | Il-familja | | Jgħinek billi taqsam l-ideat u l-opinjonijiet ma' ħaddieħor |
| 3. | Grupp | | Dritt għall-vot |
| 4. | Demokrazija | **1** | **Jiġi elett kull tliet snin** |
| 5. | Simbolu nazzjonali | | Il-bażi li fuqha hi mibnija s-soċjetà |
| 6. | Il-lingwa | | Edukazzjoni, Saħħa |
| 7. | Servizzi | | Mezz ta' komunikazzjoni soċjali |
| 8. | L-*Internet* | | Joffru lill-poplu l-opportunità li jagħżel gvern biex imexxi lill-pajjiż |
| 9. | Il-partiti politiċi | | Mezz kif nikkomunikaw mal-kumplament tad-dinja |

**(8 marki)**

**Ċ. (i) Ikteb Veru jew Falz fejn kull sentenza.**

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Issib ħafna lukandi kbar f'Marsaxlokk. | |
| 2. | L-aktar parti għolja tal-belt Victoria f'Għawdex hija ċ-Ċittadella. | |
| 3. | Il-port ewlieni ta' Għawdex huwa Marsalforn. | |
| 4. | L-ajruport internazzjonali ta' Malta jinsab il-Gudja. | |
| 5. | Issib ħafna fdalijiet storici bħad-Dar Rumana u l-Katakombi fir-Rabat, Malta. | |
| 6. | Il-Parlament jiltaqa' fil-belt Valletta, il-belt kapitali ta' Malta. | |

**(6 marki)**

**(ii)** L-ibliet u l-irħula li jissemmew f'Eżerċizzju **Ċ (i)** huma mmarkati b'tikek suwed fuq il-mappa ta' Malta.
(1. Marsaxlokk; 2. Victoria; 3. Marsalforn; 4. Gudja; 5.Rabat, Malta; 6. Valletta)
**Ikteb fuq il-Mappa ta' Malta l-isem jew in-numru tagħhom biex turi li taf fejn jinsabu.**

**( 6 marki)**



**(Total: 12-il marka)**

**D.**



**Din hija l-pjanta qadima tal-belt kapitali ta' Malta. Qabbel il-kelma fil-kolonna A billi tikteb in-numru tagħha ħdejn it-tagħrif it-tajjeb f'kolonna B.**

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B (Tagħrif)** |
|---|---|---|---|
| 1. | Valletta | | Perit Malti li pinġa l-pjanti ta' ħafna bini importanti fil-belt kapitali |
| 2. | Jean de la Valette | | L-isptar ta' l-Ordni ta' San Ġwann |
| 3. | Francesco Laparelli | | Il-Papa li bagħat lil Laparelli |
| 4. | Ġlormu Cassar | | L-għolja li fuqha nbniet il-belt |
| 5. | 28 ta' Marzu 1566 | | Il-belt kapitali ta' Malta mibnija mill-Kavallieri ta' San Ġwann |
| 6. | Piju V | | Palazz li fih kienu joqogħdu l-kavallieri |
| 7. | Xiberras | | Fi żmienu l-Ordni ħalliet il-Birgu u marret fil-bereġ ġodda ta' din il-belt |
| 8. | Sagra Infermerija | | Il-jum li fih tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-belt |
| 9. | Berġa | | Il-perit li pinġa l-pjanti tal-belt kapitali |
| 10. | Il-Gran Mastru Del Monte | | Il-Gran Mastru li fi żmienu nbniet din il-belt |

**(10 marki)**

**E. (i) Semmi:**

a. Żewġ pajjiżi tal-Mediterran li jagħmlu parti mill-kontinent Afrikan

1. ________________________ 2. ________________________

b. Żewġ pajjiżi tal-Mediterran li jagħmlu parti mill-kontinent Ewropew

3. ________________________ 4. ________________________

ċ. Żewġ gżejjer, barra dawk Maltin, li jinsabu fil-Baħar Mediterran

5. ________________________ 6. ________________________

**(6 marki)**

**(ii) Immarka l-ismijiet jew in-numri tal-pajjiżi u l-gżejjer li inti ktibt f'eżerċizzju E (i) fuq il-mappa tal-Mediterran biex turi fejn jinsabu.**



**(6 marki)**

**(Total: 12-il marka)**

**F. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

1. Min hu l-qaddis li daħħal it-twemmin nisrani f'Malta? ________________________________
2. X'wassal lil dan il-qaddis biex jiġi Malta?

________________________________________________________________________

3. Fl-inħawi ta' fejn wasal f'pajjiżna? ________________________________________
4. B'tifkira ta' dan il-qaddis hemm knisja li tissejjaħ tal-Ħuġġieġa. Għaliex taħseb li ngħatat dan l-isem? ____________________________________________________________________

________________________________________________________________________

5. X'qalu n-nies tal-gżira fuq dan il-bniedem? ________________________________________

________________________________________________________________________

6. Xi kemm dam dan il-qaddis hawn Malta? ________________________________________
7. Kien San Luqa li kiteb fid-dettall fuq din il-ġrajja fl-Atti ta' l-Appostli. Għaliex taħseb li hu seta' jagħmel dan? ____________________________________________________
8. Min kienu l-ħakkiema tal-Palestina u ta' Malta f'dak iż-żmien? ________________________

**(8 marki)**

**Ġ. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

**1. Fl-istampa hemm ġuvni u mogħża.**



a. Fejn jinsab dak il-ġuvni? ________________________________
b. X'taħseb li se jagħmel il-ġuvni? ____________________________

________________________________________________________

ċ. Agħti **l-isem** ta' xi post bħal dan. ____________________________

**2. It-Tieni Gwerra Dinjija**

a. Għaliex taħseb li ajruplani Taljani u Ġermaniżi attakkaw lil Malta f'dak iż-żmien?

________________________________________________________________________

b. Semmi xi ħsara li Malta sofriet f'dan iż-żmien.

________________________________________________________________________

ċ. Għaliex Malta ngħatat il-*George Cross*?

________________________________________________________________________

d. Għaliex kienet importanti l-wasla tal-konvoj ta' Santa Marija f'Malta?

________________________________________________________________________

3. **Il-Jiem Nazzjonali**

a. Liema Jum Nazzjonali jfakkarna f'meta l-Maltin irvellaw kontra l-Ingliżi?

______________________________________________

b. Liema hu l-jum nazzjonali li jfakkarna meta għall-ewwel darba kellna president?

______________________________________________

c. Liemu hu l-jum nazzjonali li jfakkarna fir-rebħiet ta' l-Assedju l-Kbir u tat-Tieni Gwerra Dinjija?

______________________________________________

**(10 marki)**

**G. Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u wieġeb il-mistoqsijiet billi tagħti l-opinjoni tiegħek. Agħti mill-anqas żewġ ideat għal kull sitwazzjoni.**

1. Fl-iskola tar-raħal tiegħek hemm tfal minn pajjiżi differenti li jattendu l-iskola. Fil-klassi tiegħek hemm żewġt aħwa minn pajjiż barrani. X'tista' tagħmel biex tibni relazzjoni tajba magħhom?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

2. L-istudenti fil-klassi tqassmu fi gruppi biex jaħdmu fuq proġetti differenti. X'taħseb li tgħallmu meta ħadmu fi grupp?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

3. Qed toqrob l-elezzjoni għall-kunsilli lokali. Missierek iddeċieda li joħroġ għall-elezzjoni. X'jista' jagħmel biex jikkomunika aħjar man-nies?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(2 x 3 = 6 marki)**

**GĦ. Ħares sewwa lejn it-tpinġija tal-ħames saffi ewlenin tal-blat f'Malta. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet dwarhom.**

**IS-SAFFI TAL-BLAT TA' MALTA**




1. Liema hu l-ewwel saff ta' blat ta' pajjiżna li ssawwar?

2. Għaliex il-franka hija tajba biex tinqata' forma ta' knaten biex nibnu biha ?

3. Fl-imgħoddi kienu jsiru borom, platti u katusi mill-fuħħar. Mil-liema saff tal-blat kien jinġieb dan il-fuħħar?

4. Liema blat jitfarrak fi żrar u ramel biex jitħallat għall-konkos ?

5. Fejn ifforma l-blat ta' Malta ?

6. Għaliex il-blat ta' Malta jissejjaħ blat Sedimentarju?

**(6 marki )**

**H. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

L-edukazzjoni f'Malta tingħata importanza kbira mill-pajjiż. Il-familji Maltin għandhom għal qalbhom l-edukazzjoni sabiex uliedhom ikollhom futur sabiħ. Fl-iskola l-istudenti jsibu ħafna nies lesti li jagħtuhom l-għajnuna meħtieġa biex ikunu jistgħu jitgħallmu aħjar. L-isport huwa wieħed mill-attivitajiet li l-istudenti jieħdu pjaċir jagħmlu. Nafu li l-isport jgħinna ħafna fil-ħajja tagħna.

1. Agħti **tliet** raġunijiet għaliex l-isport huwa importanti .

   a. ______________________________

   b. ______________________________

   ċ. ______________________________

(3)

2. Meta l-istudenti jkollhom xi diffikultà biex jitgħallmu, min jista' jgħinhom fl-iskola?

   ______________________________

(1)

3. Fejn imorru l-istudenti wara li jispiċċaw l-iskola primarja?

   ______________________________

(1)

4. Agħżel it-tajba billi tagħmel sing taħtha.

   L-età obbligatorja ta' l-iskola hi sa (14-il sena, 16-il sena, 18-il sena) (1)

5. Ikteb **erba'** sentenzi biex tfisser għaliex illum huwa importanti li ż-żgħażagħ ikomplu l-edukazzjoni tagħhom wara l-età obbligatorja. Kull sentenza jrid ikollha ħsieb differenti.

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

   ______________________________

(4)

**(Total: 10 marki)**

**Ħ. Ikteb żewg sentenzi dwar kull waħda minn dawn.**

1. Il-bejgħ tal-prodotti agrikoli

2. Il-Materja Prima li jkollhom bżonn il-fabbriki

3. Il-'Bring-in-Sites' fil-lokalitajiet fejn ngħixu

**(2 x 3 = 6 marki)**

**I. Immaġina... u ikteb.**

Immaġina li inti kont tifel jew tifla tgħix fil-Birgu fi żmien l-Assedju l-Kbir ta' l-1565. Ikteb **sitt** sentenzi biex bihom turi x'rajt u x'ħassejt minn meta waqa' l-Forti Sant'Iermu f'idejn it-Torok sa tmiem l-Assedju.

**(6 marki)**

***Tmiem il-Karta***